**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum,

Rikors Numru: 501/19 AL

**A B C**

Vs

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu ġewwa Malta fid-9 ta' Diċembru 2005 u dana skond kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ. (Dok A
2. Illi sussegwentament il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Marzu 2016 in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa (ara kuntratt tas-separazzjoni dok B)
3. Illi ma teżisti ebda possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment.

4. Illi l-esponent jixtieq li jikseb id-divorzju mill-intimata  u għalhekk inbdew dawn il-proċeduri.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti w dana ai termini tal-artikolu 66A et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta w tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Settembru, 2019;

Semghet lill-intimata fuq domanda tal-Qorti twiegeb li m'ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Marzu, 2016 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba` snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.